Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 276/2004

**FXB Limited**

**Vs**

**Silvio u Miriam Cordina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fit-3 ta Frar 2004 fejn is-socjeta attrici talbet li tithallas minnghand ll-konvenuti s-somma ta mija u tnejn u disghin lira tlieta u hamsin centezmu (Lm192.53) rapprezentanti prezz ta ghamara lilhom mibjugh u kkonsenjat.
Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 6 ta April 2004 fejn ikkontestaw it-talbiet attrici stante li s-sufan konsenjat kien ta kwalita inferjuri minn dik pattwita peress li kellu diversi difetti u hsarat u kwindi baqghu ma halsux il-bilanc

minnhom dovut peress li l-atturi ma rrimedjawx l-istess kif ippromettew li jaghmlu.

Ra l-provi mressqa inkluz id-dokumenit esebiti.

Sema t-trattazzjoni maghmula mill-abbli difesnuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mix-xhieda moghtija minn Ivan Caruana rapprezentant tas-socjeta attrici, t-Tribunal innota bil-mod kif din is-socjeta ghamlet minn kollox biex tipprova takkomoda lill-konvenuti per konsegwenza tal-ilmenti, gustifikati o meno li kienu avvanzaw. Da parti taghhom jidher lil-konvenuti baqghu ma accettaw ebda offerta maghmula, baqghu jzommu u jgawdu s-sufan in kwistjoni, baqghu ma ntavolaw ebda kawza fuq l-ilment taghhom u baqghu ma ddepositawx is-sufan jew il-bilanc tal-flus il-Qorti.

Illi mir-ritratti esebiti pero jidher li l-konvenut jista jkun gustifikat jilmenta mill-fatt illi s-sufan in kwistjoni ma kienx gie kkonsenjat lilu f'qaghda ottima kif wiehed ghandu dejjem jippretendi meta jakkwista oggett gdid.

Ghal dawn il-mottivi It-Tribunal jaqta u jiddeciedi dina l-kawza fuq bazi ta ekwita fis-sens illi ghalkemm qed jilqa t-talba tas-socjeta attrici ghal hlas tal-bilanc lilha dovut, din qed tigi mnaqqsa arbitrio buoni viri bis-somma ta tnejn u erbghin lira u tlieta u hamsin centezmu u konsegwentement ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta mija u hamsin lira (Lm150) bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes ta l-istess jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------